# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**PRESIDENT**

**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 9 ta' Frar, 2023.**

**Numru 9**

**Rikors numru 414/2020/1**

**Rikors ta' Kahled Mohammed S. Zaglut u ta' martu Rodianne Galea, flimkien**

1. Dan huwa appell tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku minn provvediment mogħti fid-9 ta' Diċembru 2020 mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) li laqgħet talba magħmula minn Kahled Zaglut u Rodianne Galea flimkien[1] ["ir-raġel" u "il-mara" rispettivament, jew, flimkien "ir-rikorrenti"] biex il-qorti tagħraf dik li r-rikorrenti sejħulha "sentenza" mogħtija minn qorti fil-Libja li ħallet iż-żwieġ tagħhom, u biex tordna r-reġistrazzjoni ta' dik is-sentenza fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta. Il-fatti relevanti huma dawn:

[1] Ir-rikorrenti Rodianne Galea fit-tweġiba tagħha għall-appell tgħid illi r-rikors sar bla ma kienet taf bih u mingħajr il-kunsens tagħha.

2. Ir-rikorrenti, illi t-tnejn joqogħdu Malta, kienu żżewġu bir-rit ċivili hawn Malta fit-12 ta' Settembru 2003. Dan iż-żwieġ inħall b'dak li, fi provvediment maħruġ mill-qorti tal-ewwel grad ta' Musrata, fil-Libja, jissejjaħ "*divorce document*" maħruġ mill-"*Islamic Centre of Malta Branch*" fl-24 ta' Jannar 2010. Dan id-*divorce document* ġie reġistrat fil-*Musrata Civil Registry Office* fil-25 ta' Frar 2013. Fi provvediment li ma jġibx data mogħti mill-qorti tal-ewwel grad ta' Musrata jingħad illi:

> »Upon this letter, Musrata first instance court informs you that the divorce event between the Libyan citizen / Khaled Mohamed Zaglut and the Maltese citizen, Mrs Rodianne Galea, was done on 24/01/2010, according to the divorce document issued by the Islamic Center of Malta Branch, and it has been registered in the records of the Musrata Civil Registry Office under No. 3 on 25/2/2013, and thus this fact of divorce is legally valid and operative, and that the testimony extracted from the record of divorce events in the Civil Registry Office is an official paper and it is permissible to have full authenticity in acordance with the provision of article 378 of the Civil law.«

3. Ġara wkoll illi b'sentenza tat-22 ta' Frar 2018 fl-ismijiet <u>Khaled Mohamed Zaglut *v.* Rodianne Galea</u> (rikors nru 492/2017) il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) ta' Malta ippronunzjat il-ħall taż-żwieġ u ordnat illi d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jiġi mgħarraf bid-divorzju tal-partijiet sabiex jirreġistrah fir-Reġistru Pubbliku.

4. Imbagħad b'rikors tas-7 ta' Diċembru 2020 il-partijiet flimkien[2] talbu illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja):

> »1. tirrikonoxxi s-sentenza ta' divorzju fl-ismijiet Kahled <u>Mohammed S. Zaglut u Rodianne Galea</u> tal-qorti f'Musrata, fil-Libja bir-referenza riumru 216/877 fejn ippronuzjat li l-partijiet kienu iddivorzjaw fl- 24 ta' Jannar tas-sena 2010 u tiddikjara illi l-imsemmi]a sentenza hija enforzabbli hawn Malta;
>
> »2. toħroġ kwalunkwe ċertifikat relattiv *ai termini* tar-Regolament 1215 /2012 EC; u

[2] Ara *fn*. 1, *supra*

> »3. tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbiiku sabiex jagħmel dak kollu neċessarju biex l-imsemmija sentenza ta' divorzju tiġi debitament reġistrata fir-Reġistru Pubbiiku ta' Malta.«

5. Fid-9 ta' Diċembru 2020 l-ewwel qorti, mingħajr ma tat raġunijiet, tat il-provvediment appellat li jgħid biss illi "l-qorti rat ir-rikors konġunt tas-7 ta' Diċembru 2020; tilqa' t-talbiet".

6. Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ["id-direttur"] ressaq appell b'rikors tal-5 ta' Jannar 2021, li għalih wieġbu r-raġel fit-12 ta' Mejju 2021 u l-mara fl-1 ta' Diċembru 2021.

7. Filwaqt illi l-mara ma topponix għall-appell (fil-fatt tgħid illi r-rikors oriġinali għalkemm sar f'isimha wkoll ma sarx bil-kunsens tagħha u ma kinitx taf bih), ir-raġel oppona u fit-tweġiba tiegħu ressaq ukoll eċċezzjonijiet preliminari li jeħtieġ li nqisuhom qabel inqisu l-meritu tal-appell.

8. L-ewwel eċċezzjoni tgħid illi "ma hemmx dritt ta' appell minn dikriet tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni tal-Familja, u għalhekk dan l-appell huwa irritwali, null u bla effett".

9. Tajjeb jew ħażin (kif naraw 'il quddiem) it-talbiet tar-rikorrenti għall-għarfien u l-esekuzzjoni tad-deċiżjoni tal-Qorti ta' Musrata saru taħt ir-Regolament 44/2001 ["*Bruxelles I*"][3], u għalhekk il-provvediment mogħti mill-ewwel qorti li laqa' dawk it-talbiet kif magħmula sar ukoll taħt dak ir-Regolament. Hija *trovata* ġdida tar-raġel li jgħid fit-tweġiba tiegħu illi r-rikors u l-provvediment relativ saru taħt l-art. 33 tal-Att dwar iż-Żwieġ

[3] Għalkemm fir-rikors jissemma wkoll ir-Regolament 1215/2012 ["*Bruxelles I bis*"], dan jissemma biss fil-kuntest tad-disposizzjonijiet transitorji tal-art. 66 li jgħidu illi "r-Regolament (KE) Nru 44/2001 għandu jkompli japplika għal sentenzi mogħtija fi proċedimenti legali istitwiti, għal strumenti awtentiċi formalment imfassla jew irreġistrati u għal tranżazzjonijiet ġudizzjarji approvati jew konklużi qabel l-10 ta' Jannar 2015".

["Kap. 255"]; imkien fir-rikors jew fil-provvediment appellat ma jissemma l-Kap. 255.

10. Ir-Regolament *Bruxelles I* li taħtu ngħata l-provvediment appellat igħid espressament fl-art. 43 illi jingħata appell minn deċiżjoni ta' esekuzzjoni bħalma huwa l-provvediment appellat.

11. L-eċċezzjoni ta' inappellabilità hija għalhekk miċħuda.

12. Eċċezzjoni oħra tgħid illi, għalkemm fir-rikors tal-appell id-direttur igħid illi r-Regolament *Bruxelles I* mhux applikabbli għax il-Libja mhijiex fl-Unjoni Ewropea, "madankollu huwa l-istess Direttur tar-Reġistru Pubbliku li jadotta t-terminu ta' xahar ikkontemplat f'dawk ir-Regolamenti għal biex iressaq dan l-appell tiegħu. … … … *se mai* l-appell kellu jidħol *entro* ż-żminijiet mogħtija għad-dikrieti, u fl-agħar ipotesi sa żmien għoxrin jum".

13. F'dan l-istadju għadna nqisu l-eċċezzjonijiet preliminari u mhux il-meritu tal-appell. Rajna illi r-rikorrenti stess għamlu t-talbiet tagħhom, u t-talbiet intlaqgħu, taħt ir-Regolament *Bruxelles I* u għalhekk għamel sew id-direttur illi qagħad għaż-żmien tal-appell li jagħti l-istess Regolament. Il-paradoss qiegħed joħolqu mhux id-direttur iżda r-raġel, li l-ewwel għamel it-talbiet tiegħu taħt dak ir-Regolament u issa qiegħed igħid illi r-Regolament ma japplikax għaż-żmien tal-appell.

14. Din l-eċċezzjoni wkoll hija għalhekk miċħuda.

15. L-aħħar eċċezzjoni preliminari tgħid illi d-direttur ma setax jappella għax "huwa mhuwiex parti f'din il-kawża".

16. L-appell tad-direttur sar taħt l-art. 236 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili illi jgħid illi "appell jista' jsir mhux biss mill-partijiet fil-kawża, iżda wkoll minn kull min ikollu interess". L-interess tad-direttur huwa ovvju, għax il-provvediment appellat jagħti direttament ordni lid-direttur li jidhirlu li dak l-ordni jolqot l-integrità tar-Reġistru Pubbliku li huwa d-dmir tiegħu li jħares.

17. Din l-eċċezzjoni wkoll hija miċħuda u ngħaddu għalhekk għall-meritu tal-appell.

18. L-ewwel aggravju jgħid illi r-Regolament *Bruxelles I* mhuwiex applikabbli għar-rikonoxximent u l-esekuzzjoni tas-sentenza in kwistjoni".

19. L-art. 1.2(a) ta' *Bruxelles I* igħid espressament illi "dan ir-Regolament ma japplikax għall-i*status* … ta' persuni naturali". Id-divorzju jolqot l-istat – miżżewweġ jew għażeb – tal-persuna u għalhekk ma japplikax għalih ir-Regolament *Bruxelles I*. Fil-fatt il-materja ta' għarfien ta' sentenzi dwar divorzju fiż-żmien relevanti kienet regolata bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbilità tal-ġenituri (*Bruxelles II bis*)[4].

20. Barra minn hekk, ir-Regolamenti Ewropej jirregolaw l-għarfien ta' sentenzi mogħtija fi stati li huma membri tal-Unjoni, u mhux fi stati, bħala hija l-Libja, li ma humiex membri.

---

[4] Illum il-materja hija regolata bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1111 tal-25 ta' Ġunju 2019 dwar il-ġurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u dwar sekwestru inter-nazzjonali ta' minuri (riformulazzjoni).

21. Dawn huma ostakoli tant ovvji għat-talbiet tar-rikorrenti kif magħmula illi r-rikors kellu jiġi miċħud *ictu oculi*.

22. Billi għalhekk il-premessi tat-talbiet tar-rikorrenti li bis-saħħa tagħhom ingħata l-provvediment appellat huma radikalment ħżiena, daqstant ieħor radikalment ħażin huwa l-provvediment li qagħad fuqhom. L-appell għalhekk għandu jintlaqa' u ma jibqax meħtieġ li nqisu l-aggravji l-oħra.

23. Il-qorti għalhekk tilqa' l-appell, tħassar għalkollox il-provvediment mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fid-9 ta' Diċembru 2020, u tiċħad it-talbiet magħmula bir-rikors tas-7 ta' Diċembru 2020.

24. L-ispejjeż tal-ewwel grad iħallsuhom ir-rikorrenti, bla ħsara ta' kull jedd li jista' jkollha l-mara kontra r-raġel jekk tassew ir-rikors sar mingħajr il-kunsens tagħha; l-ispejjeż tal-appell iħallashom ir-raġel waħdu.

Giannino Caruana Demajo
President

Tonio Mallia
Imħallef

Anthony Ellul
Imħallef

Deputat Reġistratur
da